# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Joseph Fenech** bin il-mejtin Guzeppi u Helen neè Formosa, imwieled nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmenja u erbghin (1948), detentur tal-karta tal-identità numru 224948(M), u joqghod numru 50, "The Warren", Triq V. Menville, Swieqi:

Talli f'Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

a. b'mezzi contra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qer iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dnnu ta' Ruben Buhagiar;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioè pjanti tal-MEPA, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn ilpattijiet, dispozizzjnijiet, obbligi jew hesien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lok, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat li din il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebitiu tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Ottubru 2017 moghti skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta)[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-Imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex issir tali twegiba.

Semghet lill-istess Imputat iwiegeb li m'huwiex hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet viva voce x-xhieda ta' l-kwerelant Reuben Buhagiar, in-Nutar Peter Fleri Soler, u in-Nutar Joseph Vassallo Agius.

Il-Partijiet ittrattaw dwar l-eccezzjoni sollevata mid-Difiza.

---

[1] A fol. 7

IKKUNSIDRAT:

Din hi is-sentenza sejra titratta biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-Difiza.

Il-Prosekuzzjoni gabet tliet (3) akkuzi ta' falsifikazzjoni li jaqghu taht l-308, 309, 310, 183, 184 u 188 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, Ligijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-Imputat, Joseph Fenech, fil-perijodu ta' "… Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel …". In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet, il-Prosewkuzzjoni pproduciet lin-Nutar Dr Joseph Vassallo Agius bhala konservatur tal-atti tan-Nutar Brincat li kien ippubblika l-kuntratt tat-2 ta' Mejju 1990 li permezz tieghu l-Imputat kien biegh u ttrasferixxa l-"penthouse" lil James Thomas Victor Graham u pprezenta kopja tal-istess kuntratt; kif ukoll, lin-Nutar Dr Peter Fleri Soler li pprezenta kopji tal-kuntratti ta' bejgh fl-atti tieghu tat-28 ta' Frar tas-sena 1994 li permezz tieghu l-Imputat Joseph Fenech bhala prokuratur ta' James Thomas Victor Graham biegh u ttrasferixxa l-"penthouse" de quo lil Betty Gail Heidenhain li permezz ta' kuntratt ta' bejgh iehor fl-atti tal-istess Nutar tal-24 ta' Frar 2000 hija bieghet u ttrasferixxiet l-istess "penthouse" lill-Kwerelant, Ruben Buhagiar. Minn din ix-xhieda u d-dokumentazzjoni johrog li l-allegat rea tsar fit-2 ta' Mejju 1990 bil-"penthouse" tigi trasferita kemm-il darba stante. In-Nutar Fleri Soler xehed li n-Nutar ma jidhol xejn dwar jekk il-bini jkunx skont il-permessi tal-bini.

Fix-xiehda tieghu il-Kwerelant, Reuben Buhagiar, xehed li huwa kien xtara "… *penthouse fil-fatt irrizulta li ma kienx penthouse xejn u fuq hekk hawn dan il-kaz.*" Huwa qal li ma kienx l-ewwel persuna li xtara din il-"penthouse" peress li qablu kien hemm xerrejja ohra. Skont l-istess Kwerelant, huwa kien iddecieda li jbiex l-immobbli u minn ricerki li saru "… *irrizulta l-frodi li kien hemm jigifieri li l-post ma kienx irregistrat bhala penthouse imma kienu serie ta' washrooms maghqudin flimkien u l-pjanta li kelli jien originali irrizultat li kienet falsifikata fil-fatt.*"[2] Huwa qal li l-involviment tal-Imputat kien meta biegh ghall-ewwel darba lil wihed mill-ante-kawza tieghu bhala penthouse u mhux washrooms. Minhabba f'hekk huwa ma setax ibiegh l-immobbli u kellu jirregolarizza a spejjez tieghu il-pozizzjoni tieghu. Il-Kwerelant ipprezenta ghadd ta' pjanti in sostenn ta' dak li

[2] A fol. 56

xehed u inter alia dwar il-pjanta huwa qal li "… *fil-fatt dik kienet kopja li kienet imbabsa. Il-pjanta originali jiena skoprejt minghand ir-registru li kienet parti minn pjanta fejn tidher bicca li kienu washrooms u anki l-bini u l-profile ta' l-post kien totalment differenti milli xtrajt jien.*"[3] Huwa pprezenta wkoll kopja tal-permess tal-bini data it-18 ta' Mejju 1992.[4] Fil-kontr-ezami tieghu, il-Kwerelant kien giet mistoqsi jghid id-data li skont hu sar l-allegat tbabis f'dokument mill-Imputat u wiegeb li huwa skopra dan fis-sena 2010 izda l-allegat qerq sar *"… bejn in-1990 u n-1994 zgur meta suppost kienu nbnew bhala [omissis] washrooms…"*[5]

Ghal din l-Onorabbli Qorti rrizulta car li l-ewwel referenza ghall-penthouse tirrizulta li saret f'dokument pubbliku u cioè, l-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-2 ta' Mejju 1990, meta l-venditur kien l-Imputat, Joseph Fenech. B'hekk ghaddew sitta u ghoxrin (26) sena minn dik id-data sad-data ta' meta l-Imputat kien gie notifikat b'dawn il-proceduri kriminali odjerni bejn it-3 ta' Frar 2016 u t-13 ta' April 2016, minkejja li dawn l-istess proceduri kienu nbdew fit-23 ta' Settembru 2013.

Issa, l-Artikolu 688 tal-Kodici Krimianali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi s-segwenti:

"*688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*

*(a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;*

*(b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġettigħall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;*

*(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;*

[3] A fol. 64
[4] A fol. 76
[5] A fol. 71

*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*

*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*"

Il-pieni kollha li jgibu maghhom l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jaqghu taht il-perijodi prekrittivi msemmija fil-parafrafi (c), (d) u (e) tal-Artikolu 688, u peress li ghaddew sitta u ghoxrin (26) sena, konsegwentement, l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-Imputat huma prekritti.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 308, 309, 310, 183, 184 u tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, ma ssibx lill-akkuzat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qieghda tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**